Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/2367

27.10.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/2367

tas-26 ta' Ottubru 2026

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/339 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex tappoġġa l-Forzi Armati Ukreni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 41(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 ([1]) tistabbilixxi l-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) għall-finanzjament mill-Istati Membri tal-azzjonijiet tal-Unjoni taħt il-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) biex tinżamm il-paċi, jiġu pprevenuti l-konflitti u tissaħħaħ is-sigurtà internazzjonali skont l-Artikolu 21(2), il-punt (c) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, skont l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, l-EPF trid tintuża biex tiffinanzja miżuri ta' assistenza bħalma huma l-azzjonijiet biex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' Stati terzi u organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali b'rabta ma' kwistjonijiet militari u ta' difiża.

(2) Fit-28 ta' Frar 2022, bħala rispons għall-gwerra ta' aggressjoni mill-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/339 ([2]), li stabbiliet miżura ta' assistenza biex tkopri l-finanzjament tal-forniment lill-Forzi Armati tal-Ukrajna ta' tagħmir u provvisti mhux imfassla biex iwasslu forza letali.

(3) Fit-18 ta' Marzu 2024, abbażi ta' proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex jiġi stabbilit Fond ta' Assistenza għall-Ukrajna (UAF), il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/890 ([3]) li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 biex il-limitu massimu finanzjarju tal-EPF jiżdied b'EUR 5 000 000 000 fl-2024 (bil-prezzijiet attwali), ammont speċifikament iddedikat għall-Ukrajna, u maħsub biex jiżgura appoġġ militari sostenibbli u prevedibbli lill-Ukrajna.

(4) Fis-26 ta' Ottubru 2026, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2026/2365 ([4]), li żiedet l-ammont ta' referenza finanzjarja tal-miżura ta' assistenza skont id-Deċiżjoni (PESK) 2022/339 b'EUR 372 115 534,32 għal EUR 752 115 534,32. Fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni fis-seħħ mill-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, jenħtieġ li l-ammont ta' referenza finanzjarja jiżdied b'EUR 420 940 000,00 addizzjonali mill-UAF, maħsuba biex ikopru l-finanzjament tal-forniment lill-Forzi Armati tal-Ukrajna ta' tagħmir u provvisti mhux imfassla biex iwasslu forza letali, bħal tagħmir protettiv personali, kaxex għall-ewwel għajnuna u fjuwil, u inkluż biex ikopru talbiet eżistenti ta' rimborż ikkomunikati lill-punt ċentrali ta' koordinament tal-Persunal Militari tal-Unjoni Ewropea qabel id-data tal-istabbiliment tal-UAF, fit-18 ta' Marzu 2024, u sal-15 ta' Novembru 2024.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 tat-22 ta' Marzu 2021 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/528 (ĠU L 102, 24.3.2021, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2021/509/oj).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/339 tat-28 ta' Frar 2022 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex tappoġġa l-Forzi Armati Ukreni (ĠU L 61, 28.2.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2022/339/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/890 tat-18 ta' Marzu 2024 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi (ĠU L, 2024/890, 19.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/890/oj).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/2365 tas-26 ta' Ottubru 2026 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/339 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex tappoġġa l-Forzi Armati Ukreni (ĠU L, 2026/2365, 27.10.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/2365/oj).

(5) Fil-21 ta' Mejju 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1470 ([5]), li emendat id-Deċiżjoni 2014/512/PESK ([6]) sabiex tipprevedi li d-depożitorji ċentrali tat-titoli li jkollhom assi u riżervi b'valur totali ta' aktar minn EUR 1 000 000 għandhom jikkontribwixxu, mill-profitti netti straordinarji tagħhom li ġejjin mill-immobilizzazzjoni tal-assi Russi, kontribuzzjoni finanzjarja ekwivalenti għal 99,7 % ta' dawk il-profitti netti li jakkumulaw mill-15 ta' Frar 2024. Dik id-Deċiżjoni tipprevedi li perċentwal speċifiku tal-ammonti tal-kontribuzzjoni finanzjarja mħallsa lill-Unjoni, li għandu jiġi rieżaminat kull sena, għandu jintuża biex jappoġġa lill-Ukrajna, permezz tal-EPF.

(6) Barra minn hekk, fil-21 ta' Mejju 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1471 ([7]) dwar l-allokazzjoni tal-ammonti tal-kontribuzzjoni finanzjarja mħallsa lill-EPF skont id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1470. Dik id-Deċiżjoni tispeċifika li l-ammonti allokati għall-EPF skont id-Deċiżjoni 2024/1470 għandhom jiġu allokati għal miżuri ta' assistenza għall-provvista ta' appoġġ militari lill-Forzi Armati tal-Ukrajna, u li l-allokazzjoni tal-ammonti riċevuti bejn il-miżuri ta' assistenza għandha tiġi ddeterminata u rieżaminata perjodikament mill-Kumitat tal-Faċilità stabbilit skont id-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 f'konformità ma' orjentazzjoni strateġika ddedikata pprovduta mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà skont l-Artikolu 9(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509. Jenħtieġ li din il-miżura ta' assistenza tibqa' disponibbli għal allokazzjonijiet futuri tal-ammonti riċevuti.

(7) B'mod eċċezzjonali, skont l-Artikolu 73(10) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, jenħtieġ li meta Stat Membru jkun għamel dikjarazzjoni formali skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 31(1) tat-TEU u jkun astjena mill-adozzjoni ta' miżura ta' assistenza li ser tiġi ffinanzjata bl-ammont dedikat previst fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 73(10) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, dak l-Istat Membru ma jikkontribwixxix għall-kostijiet ta' dik il-miżura ta' assistenza.

(8) Il-miżuri ta' assistenza jridu jiġu implimentati b'kont meħud tal-prinċipji u r-rekwiżiti stipulati fid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, b'mod partikolari f'konformità mal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK ([8]), u skont ir-regoli għall-implimentazzjoni tad-dħul u n-nefqa ffinanzjati taħt l-EPF.

(9) Il-Kunsill jirriafferma d-determinazzjoni tiegħu li jipproteġi, jippromwovi u jiggarantixxi d-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u l-prinċipji demokratiċi u li jsaħħaħ l-istat tad-dritt u l-governanza tajba, f'konformità mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, mad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u mad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali.

(10) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2022/339 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/339 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Id-durata tal-Miżura ta' Assistenza għandha tkun ta' 82 xahar mill-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.";

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1470 tal-21 ta' Mejju 2024 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L, 2024/1470, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1470/oj).

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2014/512/oj).

([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1471 tal-21 ta' Mejju 2024 dwar l-allokazzjoni tal-ammonti tal-kontribuzzjoni finanzjarja mħallsa lill-Faċilità Ewropea għall-Paċi skont id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1470 (ĠU L, 2024/1471, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1471/oj).

([8]) Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari (ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99, ELI: http://data.europa.eu/eli/compos/2008/944/oj).

(2) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-miżura ta' assistenza għandu jkun ta' EUR 1 173 055 534,32.";

(b) il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"3. F'konformità mal-Artikolu 29(5) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, l-amministratur għall-miżuri ta' assistenza jista' jagħmel sejħa għal kontribuzzjonijiet sa EUR 1 173 055 534,32 wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Il-fondi li għalihom għamel sejħa l-amministratur għall-miżuri ta' assistenza għandhom jintużaw biss biex titħallas in-nefqa fil-limiti approvati mill-Kumitat tal-Faċilità stabbilit bid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 fil-baġits emendatorji u annwali relatati li jikkorrispondu għall-Miżura ta' Assistenza.

4. In-nefqa relatata mal-implimentazzjoni tal-Miżura ta' Assistenza għandha tkun eliġibbli mill-1 ta' Jannar 2022 u sal-15 ta' Novembru 2024. Mingħajr preġudizzju għan-nefqa addizzjonali li tista' tiġi ffinanzjata taħt din il-Miżura ta' Assistenza bil-kontribuzzjonijiet addizzjonali magħmula disponibbli mill-Istati Membri li astjenew minn miżura ta' assistenza skont l-Artikolu 5(3) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, l-ammont ta' referenza finanzjarja għandu jintuża kif ġej:

(a) in-nefqa massima eliġibbli mġarrba qabel il-11 ta' Marzu 2022 għandha tkun ta' EUR 50 000 000;

(b) l-ammont massimu eliġibbli għall-perjodu mill-11 ta' Marzu 2022 sal-20 ta' Lulju 2022 għandu jkun ta' EUR 110 000 000;

(c) l-ammont massimu eliġibbli għall-perjodu mill-21 ta' Lulju 2022 sal-20 ta' Novembru 2022 għandu jkun ta' EUR 20 000 000;

(d) l-ammont massimu eliġibbli għall-perjodu mill-21 ta' Novembru 2022 sat-28 ta' Frar 2023 għandu jkun ta' EUR 200 000 000;

(e) l-ammont massimu eliġibbli għall-perjodu mill-1 ta' Marzu 2023 sal-31 ta' Mejju 2023 għandu jkun ta' EUR 103 450 411,87;

(f) l-ammont massimu eliġibbli għall-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2023 sal-15 ta' Frar 2024 għandu jkun ta' EUR 372 115 534,32;

(g) l-ammont massimu ta' EUR 420 940 000,00 għandu jkun eliġibbli għall-perjodu mis-16 ta' Frar 2024 sal-15 ta' Novembru 2024;

(h) in-nefqa relatata mal-manutenzjoni u t-tiswija għandha tkun eliġibbli mis-17 ta' Ottubru 2022, u n-nefqa relatata mal-attrezzament mill-ġdid għandha tkun eliġibbli mit-2 ta' Frar 2023.";

(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"5. Mingħajr preġudizzju għall-eżawriment tal-ammonti fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, u għad-durata stabbilita fl-Artikolu 1(4) ta' din id-Deċiżjoni, din il-miżura ta' assistenza għandha tibqa' disponibbli għall-allokazzjoni ta' ammonti riċevuti mill-EPF skont l-Artikolu 1a(11) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2014/512 (*).

(*) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2014/512/oj).".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-26 ta' Ottubru 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

M. HEYDON